

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [L-Ordni Ewropea Tal-Ħlas](#) > [Cyprus](#)

L-Ordni Ewropea tal-Ħlas

Ċipru



Ċipru

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

L-Artikolu 29(1)(a) - Qrati b'ġurisdizzjoni

L-entitajiet li ġejjin għandhom ġurisdizzjoni: Il-qrati tal-prim'istanza kollha fir-Repubblika ta' Ċipru li joperaw fl-erba' distretti amministrattivi kkontrollati mill-Istat legali tar-Repubblika ta' Ċipru, jiġifieri Nicosia, Lemesos, Larnaca-Amohostos u Paphos. Il-ġurisdizzjoni ta' l-imħallfin hija ddeterminata mill-Att dwar il-Qrati (14/60) u tikkorrispondi għall-pożizzjoni ġerarkika ta' l-imħallef, jiġifieri Imħallef tad-Distrett, Imħallef Suprem tad-Distrett u President tal-Qorti Distrettwali.

L-Artikolu 29(1)(b) - Proċedura ta' reviżjoni

Il-proċedura ta' stħarriġ hija stipulata mir-Regolamenti Proċedurali dwar il-Kawżi Ċivili. Il-proċedura hija bbażata prinċiparjament fuq sottomissjonijiet bil-miktub magħmula mill-partijiet involuti f'tilwima. F'każi eċċezzjonali, u kull meta l-Qorti tqis li hu neċessarju, tista' tittieħed xhieda orali flimkien ma' sottomissjonijiet bil-miktub u dikjarazzjonijiet taħt ġurament. Il-qrati kompetenti huma daww imsemmija fil-punt (a) hawn fuq.

L-Artikolu 29(1)(c) - Mezzi ta' komunikazzjoni

Il-mezzi ta' komunikazzjoni aċċettati għall-għanijiet tal-proċedura ta' l-ordni ta' ħlas Ewropew u li huma disponibbli għall-qrati huma: il-preżentata ta' applikazzjoni fir-reġistru personalment, jew bil-posta jew b'xi mezz ieħor ta' komunikazzjoni bħal fax jew e-mail.

L-Artikolu 29(1)(d) - Lingwi aċċettati

Il-lingwa Griega hija dik aċċetata mill-qrati. Mandanakollu, għall-għanijiet tar-Regolament, l-Ingliż, li huwa wkoll użat f'Ċipru, huwa miżjud.

L-aħħar aġġornament: 12/07/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.